

**KODIĊI TA' KONDOTTA APPROVAT MILL-GRUPP TA' KOORDINATURI
GĦAD-DIRETTIVA 2005/36/KE DWAR IR-RIKONOXXIMENT TA' KWALIFIKI
PROFESSJONALI¹**

PRATTIĊI AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI LI JAQGĦU TAĦT ID-DIRETTIVA 2005/36/KE

Rinunja: dan il-Kodiċi mhuwiex strument vinkolanti. Madankollu huwa bbażat fuq id-Direttiva 2005/36/KE u fuq it-Trattat tal-KE kif interpretati mill-Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-KE. Ilmenti dwar każijiet fejn dan il-Kodiċi ma jkunx rispettaw mill-awtoritajiet kompetenti għalhekk ikunu eżaminati fuq dawn il-bażijiet legali

¹ Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea - L 255, 30.09.2005

I. INFORMAZZJONI

1. Informazzjoni li għandha tingħata lil emigrant mill-punt tal-kuntatt fl-Istat Membru tal-oriġini	
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<p><u>L-emigrant jingħata l-informazzjoni u/jew id-dokumenti mniżżla fil-kolonna B, flimkien ma':</u></p> <p>(a) l-indirizz fejn tista' tinstab il-gwida nazzjonali tad-direttiva stabbilita mill-Istat Membru ospitanti kif ukoll minn Stati Membri oħra²; (posta elettronika, sit web, eċċ.); meta tintalab għandha tkun ipprovduta kopja stampata;</p> <p>(b) indirizz tas-sit web ta' EURES³ u tal-Konsulenti Ewropej tas-Servizzi li jista' jipprovdu aktar informazzjoni fl-Istat Membru ospitanti (dwar disponibbiltà tal-impiegi jew sigurtà soċjali, pereżempju);</p> <p>(c) [dettalji tal-kuntatt ta' Punt relevanti ta' kuntatt uniku għat-tlestitja tal-proċedura meta d-Direttiva tas-servizzi tkun implimentata]⁴;</p> <p>(d) meta jitlob, l-emigrant għandu jkun infurmat jekk il-professjoni li jixtieq jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti hijex regolata f'dan l-Istat Membru; għall-professjonijiet li jaqgħu taħt it-Titolu III, il-Kapitolu 1 tad-Direttiva, l-emigrant ikun infurmat taħt liema livell il-kwalifikasi tal-Istat Membru ospitanti tkun ikklassifikata taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva;</p> <p>(e) meta jitlob, l-emigrant li jixtieq jipprovd servizz fi Stat Membru ieħor ikun infurmat jekk għandhiex tintbagħħat dikjarazzjoni u jirċievi l-lista ta' professjonijiet suġġetti għall-kontroll tal-kwalifikasi jew indikazzjoni tal-indirizz fejn din il-lista hija disponibbli;</p> <p>(f) informazzjoni dwar kif tinkiseb lista ta' tradutturi ċertifikati jekk teżisti lista ta' dan it-tip, fl-Istati Membru tal-oriġini u fejn ikun il-każ (ara l-punt 6).</p>
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p><u>L-emigrant jingħata l-informazzjoni u/jew id-dokumenti li ġejjin:</u></p> <p>(a) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown, in-numru tal-faks, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz tas-sit web, jekk ikun hemm, tal-punt tal-kuntatt fl-Istat Membru ospitanti;</p>

² Gwidi disponibbli għall-Italja u l-Iżvejja

³ <http://ec.europa.eu/eures/home.jsp?lang=mt>

⁴ Għandha tkun taħdem meta jkun stabbilit punt uniku tal-kuntatt fi Stat Membru

	<p>(b) l-indirizz tas-sit web tas-suq Intern tad-DG u s-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea⁵ bl-indikazzjoni li d-dokumenti li ġejjin jistgħu jinstabu fuq din is-sit web: id-Direttiva 2005/36/KE; il-gwida għall-Utent; il-Kodiċi tal-Kondotta; il-bażi dejta dwar professjonijiet irregolati⁶; meta tintalab, kopja stampata tad-Direttiva, Gwida għall-utent, u l-Kodiċi tal-Kondotta tkun disponibbli; meta tintalab, kopja stampata tal-estratt xieraq tal-bażi dejta dwar il-professjonijiet regolati tkun disponibbli;</p> <p>(c) indikazzjoni lill-emigrant dwar il-livell li taħtu tkun ikklassifikata l-kwalifika tiegħu skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva;</p> <p>(d) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown, in-numru tal-faks, l-indirizz tal-posta elettronika u tas-sit web tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li joħorġu ċ-ċertifikati pprovduti taħt id-Direttiva, u b'mod partikolari, għall-kwalifikasi li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku taħt it-Titolu III, il-Kapitolu III, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi ta' tħriġ, l-hekk imsejjaħ "ċertifikat tal-konformità" (Anness VII.2); iċ-ċertifikat li jattesta li t-tħriġ huwa rregolat; l-attestazzjoni tal-esperjenza professjonali għall-professjonijiet taħt it-Titolu III, il-Kapitolu II; l-attestazzjoni tal-esperjenza professjonali (l-Artikolu 3.3 u l-Anness VII.1.c); id-dokumenti, jekk ikun hemm, li jattestaw il-karattru sod jew ir-reputazzjoni, in-nuqqas ta' falliment, suspensijni jew projbizzjoni għall-insegwiment tal-professjoni fil-każ ta' kondotta ħażina professjonali serja jew offiża kriminali (Anness VII.1.d) u evidenza ta' ebda kundanna kriminali (l-Artikolu 7.e); jekk xi dokumenti għandhom ikunu attestati (ara l-punt 5 tal-Kodiċi), l-emigrant għandu jkun infurmat kif jista' jkollu dawn id-dokumenti attestati (formalitajiet involuti u l-awtorità emittenti);</p> <p>(e) meta mitlub, il-punt tal-kuntatt tal-Istat Membru ta' domiċilju għandu jipprovdi lill-emigrant b'informazzjoni addizzjonali u assistenza fil-każ ta' problema matul il-proċedura tar-rikonoxximent (ara l-punti 9, 10, 11, 12 u 14 tal-Kodiċi tal-Kondotta); għandha wkoll tindika lill-emigrant li jista' jikkuntattja l-punt tal-kuntatt tal-Istat Membru ospitanti f'każ ta' problema waqt il-proċedura tar-rikonoxximent u li, f'każ bħal dan, tkun ipprovdu informazzjoni addizzjonali u assistenza (ara l-punti 9, 10, 11, 12 u 14 tal-Kodiċi tal-Kondotta).</p>
C. PRATTIKA INAĆĊETTABBL I	<p>(a) <u>L-emigrant jingħata anqas informazzjoni minn dik imniżżla fil-kolonna B.</u></p>
	<p>2. Informazzjoni li għandha tingħata lil immigrant mill-punt tal-kuntatt fl-Istat Membru ospitanti</p>
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<p><u>L-emigrant jingħata l-informazzjoni u/jew id-dokumenti mnijżza fil-kolonna B, bl-addizzjoni ta':</u></p> <p>(a) l-indirizz fejn tista' tinstab il-gwida nazzjonali tad-Direttiva stabbilita mill-Istat Membru inkwistjoni (posta elettronika, sit web, eċċ.); meta tintalab kopja</p>

⁵ http://ec.europa.eu/internal_market/qualifications/index_en.htm

⁶ http://ec.europa.eu/internal_market/qualifications/regprof/index.cfm?lang=en

	<p>stampata għandha tkun ipprovdu;</p> <p>(b) indirizz tas-sit web ta' EURES⁷ u tal-Konsulenti Ewropej tas-Servizzi ta' domiċilju kapaċi jipprovdu aktar informazzjoni (dwar disponibbiltà tal-impjieg iew sigurtà soċjali, pereżempju);</p>
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p><u>L-emigrant jingħata l-informazzjoni u/jew id-dokumenti li ġejjin:</u></p> <p>(a) il-punt tal-kuntatt fl-Istat Membru ospitanti għandu jiggwida lill-emigrant lejn l-awtorità kompetenti fejn għandu/għandha jibagħtu l-applikazzjoni tiegħu [jew lill-Punt relevanti tal-kuntatt uniku meta d-Direttiva tas-servizzi tkun implimentata]⁸;</p> <p>(b) meta jitlob, l-emigrant għandu jkun infurmat jekk il-professjoni li jixtieq jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti hijiex regolata f'dan l-Istat Membru; għall-professjonijiet li jaqgħu taħt it-Titolu III, il-Kapitolu 1 tad-Direttiva, l-emigrant ikun infurmat taħt liema livell il-kwalifika tal-Istat Membru ospitanti tkun ikkl-klassifikata taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva;</p> <p>(c) jekk mhux digħi kkomunikat mill-punt tal-kuntatt tal-Istat Membru ta' domiċilju għax l-emigrant ma kkuntattjax dan il-punt tal-kuntatt, l-indirizz tas-sit web tas-suq intern tad-DG u s-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea bl-indikazzjoni li d-dokumenti li ġejjin jistgħu jinstabu f'din is-sit web: id-Direttiva 2005/36/KE; il-għida għall-Utent; il-Kodiċi tal-Kondotta; il-bażi dejta dwar professjonijiet irregolati; meta tintalab, kopja stampata tad-Direttiva, gwida għall-Utent, u l-Kodiċi tal-Kondotta tkun disponibbli; meta tintalab, kopja stampata tal-estratt xieraq tal-bażi dejta dwar il-professjonijiet irregolati tkun disponibbli;</p> <p>(d) meta jintalbu, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown, in-numru tal-faks, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz tas-sit web, jekk ikun hemm, tal-punt tal-kuntatt tal-Istat Membru ta' domiċilju (sabiex, pereżempju, jippermetti lill-emigrant jkunu jafu minn fejn jistgħu jiksbu attestazzjonijiet mill-Istat Membru ta' domiċilju (ara l-punt 1.B(c.(d));</p> <p>(e) jekk l-emigrant jitlob hekk, tista' tinstab indikazzjoni tal-indirizz tas-sit web fejn tista' tinstab il-liġi xierqa li tadotta d-Direttiva dwar il-professjoni li l-emigrant jixtieq jeżerċita, jew il-komunikazzjoni tal-liġi b'mod elettroniku; meta tintalab, kopja stampata għandha tkun ipprovdu;</p> <p>(f) informazzjoni dwar ir-regoli li jirregolaw l-eż-żeरċizzju tal-professjoni (eż. ir-reġistrazzjoni ma' korp professjonal, drittijiet u dmirijiet tal-professjoni, żvilupp professjonal kontinwu, regoli li jirregolaw lill-membri, legisslazzjoni soċjali, regoli ta' etika, eċċ.) u, fejn ikun il-każ, dwar trejdjunjins u organizzazzjonijiet professjonal; din l-informazzjoni tista' tkun ipprovdu pereżempju permezz tal-indikazzjoni tal-indirizzi tas-sit webs li jittrattaw speċifikament dawn il-kwistjonijiet jew b'mod elettroniku;</p> <p>(g) emigrant li jixtiequ jipprovdu servizz għandhom ikunu infurmati jekk għandhiex tintbagħha dikjarazzjoni u jekk il-professjoni li jixtiequ jeżerċitaw hijiex suġġetta għall-kontroll tal-kwalifikasi;</p>

⁷ <http://ec.europa.eu/eures/home.jsp?lang=mt>

⁸ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 4.

	<p>(h) fejn iċ-ċirkostanzi tal-applikant mhumiex koperti mid-Direttiva 2005/36/KE (eż. applikazzjoni għar-rikonoxximent akademiku), għandha tkun ipprovduta informazzjoni biżżejjed biex tippermettilu jwassal l-applikazzjoni tiegħu lid-dipartiment responsabli;</p> <p>(i) indikazzjoni lill-emigrant li huwa jista' jikkuntattja mill-punt tal-kuntatt tal-Istat Membru ospitanti f'każ ta' problemi matul il-proċedura tar-rikonoxximent li li f'xi każijiet informazzjoni u assistenza addizzjonali sejkun pprovdu.</p>
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBL I	<u>(a) L-emigrant jingħata anqas informazzjoni minn dik imniżżla fil-kolonna B.</u>

II. DOKUMENTI

	3. Dokumenti li l-emigrant jista' jintalab jipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti għall-iskop tal-istabbiliment
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<p>(a) Fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiprovd lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti l-informazzjoni li tippermettilhom jiċċaraw l-istat tal-kwalifika relevanti tal-livell ekwivalenti, preferibbilm f'formola tad-dokument fl-Anness A ta' dan il-Kodiċi.</p> <p>(b) [Għall-professjonijiet li jaqgħu taħt it-Titoli III, il-Kapitolu 1, fil-każ li l-emigrant mhux kapaċi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha ssib l-informazzjoni dwar it-taħriġ li qed isegwi l-emigrant bl-użu tal-IMI⁹ biex tistaqsi l-mistoqsijiet xierqa].</p> <p>(c) [Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha xi dubju jew mistoqsija dwar id-dokumenti mniżżla fil-Kolonna C ipprovdu mill-emigrant, għandha tqajjem il-kwistjoni bl-użu tal-IMI.]¹⁰.</p>
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p>L-emigrant jista' jintalab jipprovdi:</p> <p>(a) evidenza tan-nazzjonalità, pereżempju, kopja tal-karta tal-identità jew tal-passaport tiegħu;</p> <p>(b) kopja tal-attestazzjoni tal-kompetenza professjonalı jew tal-evidenza tal-kwalifikasi formalı li jagħtu aċċess għall-professjoni kif iddefinit fl-Artikoli 3(b), 3(c) u 11 tad-Direttiva;</p> <p>(c) informazzjoni dwar in-natura tal-kwalifika msemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva kif ippreżentata fil-formola standard (id-dokument fl-Anness A ta' dan il-Kodiċi) jekk din il-formola kienet ipprovvuta lill-emigrant mill-Istat Membru tal-oriġinu jew permezz ta' kull mezz ieħor b'mod ieħor;</p> <p>(d) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jista' javża lill-emigrant biex jipprovdu informazzjoni fuq żvilupp professjonalı kontinwu, seminars, u l-forom kollha ta' taħriġ li attenda flimkien mat-taħriġ inizjali għax it-taħriġ addizzjonal jista' jikkompensa għal differenzi sostanzjali bejn il-kwalifikasi u tippermetti lill-emigrant jevitaw miżura ta' kumpens;</p>

⁹ Meta l-IMI tkun taħdem għall-professjoni konċernata

¹⁰ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9.

- (e) evidenza tal-esperjenza professjonalni tal-applikant:
meta din l-esperjenza professjonalni tikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE (jiġifieri meta la l-professjoni u lanqas it-taħriġ ma jkun irregolat fil-pajjiż tal-oriġini iżda huwa rregolat fil-pajjiż ospitanti) u meta jkun fl-interess tiegħu li din l-informazzjoni tkun improvduta peress li tippermettilu jevita, kompletament jew parzjalment, l-obbligu li jidħol għal eżami tal-atitudni jew ilesi perjodu tal-adattament; kull mezz ta' evidenza għandu mbagħad ikun ikkunsidrat, l-emigrant m'għandux bżonn jibgħat ċertifikat mibgħut mill-awtorità kompetenti; pereżempju, noti tal-pagi jew attestazzjoniċi minn min īħaddem għandhom jkunu aċċettati mill-Istat Membru ospitanti; madankollu huwa importanti li kull mezz ta' evidenza jidher jaġi biċ-ċar l-attività professjonalni eż-żejt mill-emigrant;
madankollu, fil-każjiet li ġejjin, jista' jkun meħtieġ ċertifikat maħruġ mill-korp kompetenti fl-Istat Membru ta' domiċilju:
- għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifikasi professjonal fuq il-bażi tal-esperjenza professjonalni skont l-Artikolu 16-19, ara l-Anness VII.1(c) tad-Direttiva
- għall-ġustifikazzjoni ta' tliet snin esperjenza professjonalni tad-detenturi ta' kwalifikasi minn terza pajjiż skont l-Artikolu 3.3 tad-Direttiva ;
- għal professjonijiet settorjali, għall-benefiċċju tar-rikonoxximent awtomatiku fuq il-bażi tad-dispożizzjoniċi tad-drittijiet ġenerali jew speċifiċi miksuba tad-Direttiva 2005/36/KE, pereżempju, (ara: l-Artikolu 23 (1) sa (5), l-Artikolu 27.1 għal tobba speċjalizzati, l-Artikoli 33 u 33(a) għall-infermiera, l-Artikolu 37 għad-dentisti, l-Artikolu 39 għal tobba kirurġiċi, l-Artikoli 43 u 43(a) għall-qwiebel, l-Artikolu 49.2 għal periti), u għall-qwiebel u spiżjara, biex jibbenifika mir-rikonoxximent awtomatiku mill-kwalifikasi f'ċerti ċirkostanzi (ara l-Artikoli 41 u 45.3);
- (f) dokumenti li jattestaw li l-emigrant huwa ta' karattru sod jew għandu reputazzjoni tajba, jew li ma kienx iddikkjarat fallut jew ma thallie ix ikompli l-professjoni minħabba kondotta ħażina professjonal serja, jew offiża kriminali jew dikjarazzjoni taħt ġurament jew dikjarazzjoni solenni (jekk il-ħtieġa tapplika wkoll għaċ-ċittadini) skont l-Anness VII.1(d) tad-Direttiva;
- (g) ċertifikat ta' kondizzjoni medika (jekk il-ħtieġa tapplika wkoll għall-persuni ta' nazzjonaliità tal-pajjiż) (Anness VII.1(e) tad-Direttiva) imwassal mill-awtorità kompetenti li tista' tkun tabib mediku privat (tal-mediċina ġenerali jew speċjalista skont iċ-ċertifikat meħtieġ);
- (h) evidenza tal-pożizzjoni finanzjarja tal-applikant u evidenza tal-kopertura tal-assigurazzjoni (jekk il-ħtieġa tapplika wkoll għaċ-ċittadini) (ara d-dettalji fl-Anness VII.1(f) tad-Direttiva);
- (i) għall-kwalifikasi li jibbenifika minn rikonoxximent awtomatiku taħt it-Titolu III, il-Kapitolu III, u li jissodisfaw il-kundizzjoniċi minimi ta' taħriġ, l-hekk imsejjaħ ċertifikat ta' konformità skont l-Anness VII.2;
- (j) għall-kwalifikasi li jibbenifika minn rikonoxximent awtomatiku taħt it-Titolu III, il-Kapitolu III, u li jissodisfaw il-kundizzjoniċi minimi ta' taħriġ, iżda li d-denominazzjoni tagħhom ma tikkorrospondix mat-titli mniżżla fl-anness relata tad-Direttiva, ċertifikat "ta' bidla fid-denominazzjoni" skont l-Artikolu 23 (6);
- (k) għall-professjonijiet li jaqgħu taħt it-Titolu III, il-Kapitolu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jista' jistaqsi lill-emigrant iżiprovdū informazzjoni dwar it-taħriġ li għamlu, jekk hemm bżonn jinstab jekk hemmx differenzi sostanzjali, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva (ara l-Anness VII.1(b)). Bħala riżultat, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' titlob informazzjoni, fejn hemm bżonn, tal-perjodu totali ta' żmien tal-istudji, is-suġġetti studjati u f'liema proporzjoni u, fejn ikun il-każ, il-bilanç bejn il-parti teoretika u l-parti prattika; jekk l-applikant mhux kapaċi jiprovdvi din l-informazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandu jindirizza l-punt tal-kuntatt, l-awtorità kompetenti jew kull korp relevanti fl-Istat Membru ta' domiċilju; f'kull każ, jekk imposibbli li tinstab informazzjoni dwar it-taħriġ, id-deċiżjoni meħuda mill-awtorità kompetenti se tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbi;

	(l) jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha xi dubju jew mistoqsijiet dwar id-dokumenti mniżżla taħt din il-Kolonna pprovduti mill-emigrant, għandha tqajjem il-kwistjoni mal-kontroparti tagħha fl-Istat Membru ta' domiċilju bl-użu ta' kooperazzjoni amministrattiva.	
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBLI	(a) L-emigrant m'għandux ikun meħtieġ jipprovd aktar informazzjoni dwar taħriġ minbarra dik indikata fil-punt B(k) il-kwistjoni hawnhekk hija r-rikonoximent professionali, mhux ir-rikonoximent akademiku. Ir-rikonoximent ma jistax ikun irrifsjutat fuq il-bażi unikali l-emigrant ma jistax jipprovd informazzjoni dwar it-taħriġ fl-Istat Membru fejn kiseb il-kwalifikati tiegħu u l-proċedura ma tistax tiddewwem mingħajr bżonn minħabba l-istess raġuni. F'dan il-każ huwa d-dover tal-awtorità kompetenti li tfitteż din l-informazzjoni permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva (ara (k) taħt prattika aċċettabbli).	
	(b) L-emigrant mhux meħtieġ jipprovd aktar dokumenti (eż. dikjarazzjoni tan-nazzjonalità mill-konsulat tiegħu) u/jew informazzjoni minn dik imniżżla fil-Kolonna B u/jew fil-formola preskrittiva).	
	4. Dokumenti li l-emigrant jista' jintalab jibgħat lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti fil-każ tal-provvista ta' servizzi temporanji	
A. L-AĦJAR PRATTIKA	(a) [Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha xi dubju jew mistoqsija dwar id-dokumenti mniżżla fil-Kolonna C ipprovdu mill-emigrant, għandha tqajjem il-kwistjoni bl-użu tal-IMI.] ¹¹ .	
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	(a) Dikjarazzjoni (l-Artikolu 7.1 tad-Direttiva) iddatata u ffirmata, li tindika l-intenzjoni li servizz se jkun ipprovdu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, li jidher l-emigrant (identità, indirizz, professjoni, Stat Membru tal-istabbiliment), il-professjoni li jixtieq jeżerċita fl-Istat Membru ospitanti, kif ukoll l-isem tal-kumpanija tal-assigurazzjoni, jekk ikun hemm, u n-numru tal-kuntatt jew mezzi oħra ta' protezzjoni kollettiva dwar ir-responsabbiltà professjonal.	
	(b) Evidenza tan-nazzjonalità (l-Artikolu 7.2(a) tad-Direttiva), pereżempju, kopja tal-karta tal-identità jew tal-passaport.	
	(c) Dokumenti li jattestaw l-istabbiliment legali (l-Artikolu 7.2(b) tad-Direttiva); ara l-lista tad-dokumenti li jistgħu jkunu pprovduti mill-Istati Membri mniżżla fl-Anness B ¹² tal-Kodiċi; f'kull każ huwa essenzjali li d-dokument jidher l-emigrant mhux permess jeżerċita l-professjoni fil-mument tal-kunsinna tal-attestazzjoni tal-istabbiliment legali (l-Artikolu 7.2(b)), dokument ieħor għal dan l-iskop jista' jkun ipprovdu (eż. estratt mir-reġistru penali/kriminali; dokument mill-korp professjonal).	
	(d) Jekk id-dokument ipprovdu taħt B(c) ma jattestax li l-emigrant mhux permess jeżerċita l-professjoni fil-mument tal-kunsinna tal-attestazzjoni tal-istabbiliment legali (l-Artikolu 7.2(b)), dokument ieħor għal dan l-iskop jista' jkun ipprovdu (eż. estratt mir-reġistru penali/kriminali; dokument mill-korp professjonal).	
	(e) Kopja tal-kwalifikati professjonal (l-Artikolu 7.2.c tad-Direttiva) li huma , kif iddefiniti fl-Artikolu 3.1(b) tad-Direttiva, kwalifikati attestati minn evidenza ta' kwalifikati formali, attestazzjoni tal-kompetenza u/jew l-esperjenza professjonal.	

¹¹ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9

¹² L-Anness B għadu mhux disponibbli

	<p>(f) Evidenza ta' esperjenza professjonal ta' mill-anqas sentejn jekk la l-professjoni u lanqas it-taħriġ m'huwa regolat (l-Artikolu 7.2(d) tad-Direttiva). Kull mezz ta' evidenza għandu jkun aċċettat, għalhekk, l-emigrant m'għandux bżonn jibgħat ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti, pereżempju, noti tal-paga jew attestazzjonijiet minn min jimpjega għandhom ikunu aċċettati mill-Istat Membru ospitanti sakemm jindikaw biċ-ċar l-attività professjonal eż-żejt. Jekk id-dokument ipprovdut taħt B(c) jattesta wkoll li l-emigrant għandu esperjenza professjonal ta' sentejn fl-Istat Membru tal-istabbiliment, l-ebda dokument ieħor ma jkun meħtieġ.</p> <p>(g) Evidenza ta' nuqqas ta' kundanni kriminali għall-professjoni fis-settur tas-sigurtà (eż. estratt tar-rekords kriminali).</p> <p>(h) Għall-professjoni jiet li ma jibbenefikawx minn rikonoxximent awtomatiku u li dwarhom ikun iġġustifikat kontroll tal-kwalifikasi skont l-Artikolu 7.4 tad-Direttiva, sabiex jgħaż-żgħalli l-proċedura, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista', jekk ikun hemm il-każ, tirrakkomanda li l-emigrant, minnufi wara r-riċevuta tad-dikjarazzjoni (ara l-punt 8.B.(b)), jipprovd informazzjoni dwar it-taħriġ li sar. Jekk fi żmien xahar mir-riċevuta tad-dikjarazzjoni, l-emigrant ma pprovdex din l-informazzjoni allura l-awtorità kompetenti tal-Istat ospitanti għandha tindirizza l-punt tal-kuntatt, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew kull korp relevanti fl-Istat Membru ta' domiċilju sabiex issib din l-informazzjoni. Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma rrakkomandatx lill-emigrant li jipprovd informazzjoni dwar it-taħriġ immedjatament wara r-riċevuta tad-dikjarazzjoni allura, l-awtorità kompetenti għandha, sal-ewwel xahar wara r-riċevuta tad-dikjarazzjoni, tfitteż, jekk ikun hemm bżonn, informazzjoni dwar it-taħriġ segwit mill-emigrant permezz tal-punt tal-kuntatt, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew kull korp relevanti fl-Istat Membru ta' domiċilju. Jekk, minkejja l-isforzi kollha li għamlet, l-awtorità kompetenti ma kinetx kapaċi ssib din l-informazzjoni fi żmien dan ix-xahar, l-awtorità kompetenti, tista' mbagħad titlob lill-emigrant jipprovd din l-informazzjoni. L-emigrant għandu jkun ikkuntattjat hekk kif l-awtorità kompetenti tkun ġerta li m'hix f'pożizzjoni biex issib xi informazzjoni dwar it-taħriġ. Jekk l-ebda informazzjoni m'hija disponibbli, l-awtorità kompetenti tieħu d-deċiżjoni fuq il-bażi tad-dokumenti u l-informazzjoni l-oħra disponibbli. Peress li l-informazzjoni dwar it-taħriġ meħtieġa biss sabiex tidentifika differenzi sostanzjali bejn il-korsijiet tat-taħriġ li x'aktarx ikunu detrimentali għas-saħħa jew is-sigurta pubblika, l-awtorità kompetenti tista' titlob biss informazzjoni relevanti għal dan il-għan mill-informazzjoni li ġejja: il-perjodu totali ta' żmien tal-istudji, is-suġġetti studjati u f'liema proporżjoni u l-bilanċ bejn il-parti teoretika u prattika fejn ikun il-każ.</p> <p>(i) Għall-professjoni jiet li ma jibbenefikawx mir-rikonoxximent awtomatiku u li dwarhom ikun iġġustifikat kontroll tal-kwalifikasi skont l-Artikolu 7.4 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tavża lill-emigrant minnufi wara r-riċevuta tad-dikjarazzjoni (ara l-punt 8.B(b)) biex jipprovd informazzjoni dwar esperjenza professjonal, żvilupp professjonal kontinwu, seminars, kull forma ta' taħriġ li sar flimkien mat-taħriġ inizjali għax l-ewwelnett, dan jaġi jidher kontroll tal-kwalifikasi fuqhom jew għax, it-tieni nett, l-esperjenza professjonal u t-taħriġ addizzjonal jistgħu jikkumpensaw għad-differenzi sostanzjali bejn il-kwalifikasi u jippermetti li l-emigrant jevitaw miżura ta' kumpens.</p> <p>(j) Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha xi dubju jew mistoqsijiet dwar id-dokumenti mniżżla taħt din il-Kolonna pprovduti mill-emigrant, għandha tqajjem il-kwistjoni mal-kontroparti tagħha fl-Istat Membru ta' domiċilju bl-użu ta' kooperazzjoni amministrattiva.</p>
C. PRATTIKA INA'C ĊETTABBL I	<p>(a) Il-ħtieġa ta' limitu ta' żmien sakemm tintbagħħat id-dikjarazzjoni.</p> <p>(b) Aċċettazzjoni bħala evidenza ta' stabbiliment legali biss ta' ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini.</p> <p>(c) Il-ħtieġa għall-iskop tal-kontroll tal-kwalifikasi ta' aktar informazzjoni dwar it-taħriġ milli indikat f'B (h).</p>

	<ul style="list-style-type: none"> (d) Li s-sottomissjoni tad-dokumenti msemmija fil-Kolonna B(i) tkun rekwiżit minn qabel għall-kontroll tal-kwalifika. (e) Il-ħtieġa ta' aktar dokumenti (eż. kopja tal-kuntratt tal-assigurazzjoni jew attestazzjoni minn kumpanija tal-assigurazzjoni mad-dikjarazzjoni) u/jew informazzjoni minn dik imniżżla fil-kolonna B u/jew fil-formola preskrittiva.
	<p>5. Il-forma kif l-emigrant għandu jipprovdi d-dokumenti mitluba mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti</p>
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<ul style="list-style-type: none"> (a) [Fotokopji ordinarji: F'każ ta' dubbji ġustifikati, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tivverifika mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-awtenticietà tal-kwalifikasi u/jew tad-dejta personali bl-użu tal-IMI]¹³. (b) [Jekk kopja ċċertifikata ma tistax tkun ipprovdata,¹⁴ l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tiċċekkja l-awtenticietà tal-kwalifikasi, iċ-ċertifikat u/jew dejta personali mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju bl-użu tal-IMI]¹⁵. (c) Jaċċettaw li d-dokumenti kollha jkunu pprovduti f'forma elettronika, inklużi fil-każ ta' provvista temporanja tas-servizzi (dikjarazzjoni u d-dokumenti li jakkumpanjawha) [sat-28.12.2009 ara n-nota f'qiegħ il-paġna]¹⁶. (d) Jaċċettaw il-firma elettronika.
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) Fotokopji ordinarji tad-dokumenti essenzjali (kwalifikasi professionali, ċertifikat tad-drittijiet miksuba, ċertifikati dwar l-esperjenza professjoni u "dejta personali"): f'każ ta' dubbji ġustifikati, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tiċċekkja mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju konferma tal-awtenticietà tal-kwalifikasi, iċ-ċertifikat u/jew "id-dejta personali". (b) Fotokopji ċertifikati tad-dokumenti essenzjali biex kull awtorità kompetenti timxi għaċ-ċertifikazzjoni (kwalifikasi professionali, ċertifikat dwar id-drittijiet

¹³ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9

¹⁴ Ara l-Kawża C-298/99 tal-21 Marzu 2002 Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs ir-Repubblika Taljana

¹⁵ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9

¹⁶ L-aċċettazzjoni tad-dokumenti elettroniċi ssir obbligatorja mit-28.12.2009, għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva tas-Servizzi (id-Direttiva 2006/123/KE).

	<p>miksuba, ċertifikati dwar l-esperjenza professjonal u “informazzjoni personali”); jekk kopja c’ċertifikata ma tistax tkun ipprovdu¹⁷, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jista’ jiċċekkja l-kontenut u l-awtentiċità tal-kwalifika, iċ-ċertifikat u/jew “id-dejta personali” permezz ta’ kooperazzjoni amministrattiva.</p> <ul style="list-style-type: none"> (c) Għall-istabbiliment, l-emigrant jista’ jkun offrut il-possibbiltà li japplika għar-rikonoxximent permezz ta’ formola tal-applikazzjoni (ipprovdu mill-awtorità kompetenti) kompluta sew. (d) L-emigrant jista’ jkun offrut il-possibbiltà li juża dokument standard biex jintroduċi d-dikjarazzjoni li tista’ tkun meħtieġa skont l-Artikolu 7.1 tad-Direttiva. (e) Jaċċettaw li l-emigrant jibagħtu d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7.1 tad-Direttiva bl-użu ta’ forma elettronika. [Mit-28.12.2009 – id-data tal-implementazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi 2006/123/KE - (e) tinbidel b’dan li ġej: “jaċċettaw li d-dokumenti kollha jkunu pprovduti f’forma elettronika, inklużi fil-każ ta’ provvista temporanja tas-servizzi (dikjarazzjoni u d-dokumenti li jakkumpanjawha) għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi”].
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) L-emigrant m’għandux ikun sfurzat jipprovdi l-kopji originali¹⁸ jew dokumenti awtentikati mill-awtoritajiet konsulari jew l-amministrazzjoni nazzjonali (pereżempju, permezz tan-nota marġinali pprovduta taħt il-Konvenzjoni ta’ Hague), jew jipprovdi dokumenti fuq karta imbuzzata b’timbru disponibbli biss fl-Istat Membru ospitanti. (b) Ir-rifjut tad-dritt tal-istabbilimet jew ir-rifjut tad-dritt tal-provvista tas-servizzi fuq il-bażi biss li l-emigrant m'użax id-dokument standard. (c) Ir-rifjut tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Artikolu 7.1 tad-Direttiva fil-forma elettronika [Mit-28.12.2009 – id-data tal-implementazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi 2006/123/KE - (c) tinbidel b’dan li ġej: "ir-rifjut tal-aċċettazzjoni li d-dokumenti kollha jkunu pprovduti f’forma elettronika għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi"].
	<h2>6. Traduzzjonijiet meħtieġa mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membri ospitanti</h2>
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<ul style="list-style-type: none"> (a) L-ebda traduzzjoni m’hiha meħtieġa, b’mod speċjali għall-professjonijiet li jaqgħu taħt it-Titolu III, il-Kapitolu 3 tad-Direttiva, peress li d-denominazzjoni tal-kwalifika hija indikata fl-Anness tad-Direttiva 2005/36/KE; f’każ ta’ dubbju l-mistoqsijiet ikunu indirizzati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju bl-użu tal-IMI]¹⁹.

¹⁷ Ara n-nota f’qiegħ il-paġna 14

¹⁸ Ara n-nota f’qiegħ il-paġna 14

¹⁹ Ara n-nota f’qiegħ il-paġna 9

B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) It-traduzzjonijiet jistgħu jentalbu biss jekk ikunu meħtieġa ġenwinament²⁰ għall-ipproċessar tal-applikazzjoni. (b) It-talbiet għal traduzzjonijiet iċċertifikati jew approvati għandhom ikunu ristretti għal dokumenti ristretti (kwalifikasi professionali, ċertifikat tad-drittijiet miksuba, “informazzjoni personali”, ċertifikati dwar esperjenza professionali); (bil-kunsiderazzjoni li aktar dokumenti ċċertifikati jew approvati ma l-emigrant ikollu jipprovdi, aktar ikunu l-ispejjeż għaliex) ²¹. Madankollu, traduzzjonijiet mhux iċċertifikati għandhom ikunu aċċettati għal kwalifikasi għall-professionijiet li jaqgħu taħt it-Titolu III, il-Kapitolu 3 tad-Direttiva; f'każ ta’ dubbji mistoqsijiet għandhom ikunu indirizzati lill-awtorità kompetenti permezz tal-kooperazzjoni amministrattiva. (c) It-traduzzjonijiet iċċertifikati tad-dokumenti standard bħal karti tal-identità, passaporti, eċċ., jistgħu ma jkunux meħtieġa. (d) It-traduzzjonijiet iċċertifikati jew approvati mill-Istat Membru tal-oriġini għandhom ikunu aċċettati mill-Istat Membru ospitanti; madankollu l-emigrant għandhom jibqgħu liberi li jiddeċiedu f’liema Stat Membru jixtieq iġib traduzzjoni attestata jew approvata.
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) Il-ħtiġijiet għat-traduzzjonijiet li m'humiex skont il-kriterji stabbiliti fil-kolonna B.
7. Ġbir ta’ dokumenti: żmien permezz u dokumenti neqsin għall-istabbiliment	
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<ul style="list-style-type: none"> (a) Ipproċessar tal-applikazzjoni f’anqas mit-tliet jew l-erba’ xħur permessi mid-Direttiva. (b) Ipproċessar tal-applikazzjoni permezz ta’ mezzi elettroniċi [sal-28.12.2009 ara n-nota f’qiegħ il-paġna]²².
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) Meta jentalbu, qabel applikazzjoni għal rikonoxximent tkun introdotta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-emigrant lista kompluta tad-dokumenti li jistgħu jintalab jipprovdi biex isostnu l-applikazzjoni tiegħi (mal-produzzjoni sussegwenti ta’ dawn id-dokumenti min-naħħa tal-kandidat, il-fajl għandu jitqies komplut mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti) sakemm ma jkunx verament ġustifikat li jentalbu aktar dokumenti. Jekk traduzzjonijiet attestati jkunu meħtieġa għal xi dokumenti (ara l-punt 6 tal-Kodiċi), għandhom jgħidulhom minn fejn jistgħu jinkisbu. (b) Skont l-Artikolu 51.1 tad-Direttiva, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tirrikonoxxi r-riċevuta tal-applikazzjoni fi żmien xahar mir-riċevuta u tavża l-applikant b’kull dokument nieqes, b’indikazzjoni speċifika x’hemm nieqes (eż.: kopja tal-kwalifika, informazzjoni dwar il-perjodu totali ta’)

²⁰ Hu l-eżempju tal-Iżveċja, fejn id-dokumenti lil ċerti awtoritajiet jistgħu jintbagħtu bl-Iżvediż, Olandiż, Norveġiż, Finlandiż, Ingliż jew bil-Franċiż.

²¹ Ara n-nota f’qiegħ il-paġna 14

²² Aċċettazzjoni tad-dokumenti elettroniċi ssir mandatarja mit-28.12.2009, għall-professionijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva tas-Servizzi (id-Direttiva 2006/123/KE)

	<p>żmien tal-istudji, is-suġġetti studjati u f'liema proporzjon; fejn ikun il-każ il-bilanċ bejn il-parti teoretika u prattika, eċċ.); f'dan ir-rikonoxximent tar-riċevuta, l-applikant għandu jkun imfakkar li l-perjodu ta' żmien ma jibdix jgħodd sakemm ikunu provvuti d-dokumenti neqsin.</p> <ul style="list-style-type: none"> (c) Meta emigrant spċificament jistaqsi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti jekk id-dokumenti li bagħat humiex kompluti, huwa intitolat jingħata din l-informazzjoni. (d) Għall-professjonijiet li jaqgħu taħt il-Kapitoli I u II tat-Titolu III tad-Direttiva, l-applikanti għandhom ikunu informati qabel l-aħħar tal-perjodu ta' tliet xhur li d-data tal-għeluq taż-żmien se tkun estiża b'xaħar sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx iddi kjarat biċ-ċar fir-rikonoxximent tar-riċevuta li l-proċedura se tieħu erba' xhur. (e) [Mit-28.12.2009 – id-data tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi 2006/123/KE -: "ipproċessar ta' applikazzjonijiet permezz ta' mezzi elettroniċi għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi"].
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBL I	<ul style="list-style-type: none"> (a) Talbiet għal aktar dokumenti mhux inklużi fil-lista oriġinali notifikata lill-applikant fir-rikonoxximent tar-riċevuta sakemm mhux ġustifikati kif xieraq jew talbiet għal dokumenti li l-emigranti digħi ssottometta. (b) Nuqqas li titħares id-data tal-għeluq tal-perjodu stabbilita skont id-Direttiva. (c) Nuqqas ta' avviż jew il-provvista ta' anqas informazzjoni minn dik imniżżla fil-kolonna B.
	<p>8. Ġbir ta' dokumenti: żmien permess u dokumenti neqsin għall-iċċekkjar tal-kwalifikasi fil-każ ta' provvista ta' servizzi (l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva)</p>
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<ul style="list-style-type: none"> (a) L-ipproċessar ta' każijiet skont l-Artikolu 7(4) f'anqas miż-żmien permess mid-Direttiva. (b) Dokumenti minbghuta permezz ta' mezzi elettroniċi [sal-28.12.2009 ara n-nota f'qiegħ il-paġna] ²³.
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) Kontroll fuq il-kwalifikasi jista' jkun iġġustifikat biss fil-każ ta' professjonijiet regolati li għandhom implikazzjonijiet fuq is-saħħha jew is-sigurtà pubblika, li ma jibbenifikaw minn rikonoxximent awtomatiku. Dan il-kontroll minn qabel għandu jkun possibbli biss meta l-iskop ta' dan il-kontroll jkun biex tiġi evitata ħsara serja lis-saħħha jew lis-sigurtà tar-riċevitur tas-servizz minħabba n-nuqqas ta' kwalifikasi professionali tal-fornitur tas-servizz u fejn dan ma jmurx aktar milli hemm bżonn għal dak l-iskop.

²³ Aċċettazzjoni tad-dokumenti elettroniċi ssir obbligatorja mit-28.12.2009, għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva tas-Servizzi (id-Direttiva 2006/123/KE)

	<p>(b) Immedjatamente wara r-riċevuta tad-dikjarazzjoni, l-awtorità kompetent tista', għall-professjonijiet li ma jibbenefikawx mir-rikonoxximent awtomatika u jekk ikun il-każ, tirrakkomanda lil emigrant biex jipprovdu informazzjoni dwar it-taħriġ, esperjenza professionali, żvilupp professionali kontinwu, u jew dwar taħriġ/seminars addizzjonal. Dwar it-taħriġ, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi wkoll li tindirizza l-punt tal-kuntatt, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew kull korp ieħor sabiex issib din l-informazzjoni (ara 4B.(h)).(i)).</p> <p>(c) Dewmien fl-adozzjoni tad-deċiżjoni jista' jkun iġġustifikat biss jekk ikun hemm waħda jew bosta diffikultajiet:</p> <ul style="list-style-type: none"> - l-informazzjoni mniżza taħt l-Artikolu tkun nieqsa; - wieħed jew ħafna mid-dokumenti mniżza fl-Artikolu 7.2, fejn ikun il-każ, huma neqsin; - dubbju dwar l-awtentiċità jew il-veraċċità ta' wieħed mid-dokumenti mniżza fl-Artikolu 7.2; - f'sitwazzjonijiet fejn kontroll fuq il-kwalifikasi jkun iġġustifikat għall-professjonijiet li ma jibbenefikawx mir-rikonoxximent awomatiku u l-awtorità kompetenti ma kisbitx mingħand l-emigrant jew permezz tal-punt tal-kuntatt jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju xi informazzjoni dwar it-taħriġ li segwa l-emigrant matul l-ewwel xahar wara r-riċevuta tad-dikjarazzjoni, jew teħtieġ informazzjoni addizzjonal, jew għadha kemm irċeviet din l-informazzjoni u għad ma kellhiex ħin teżaminaha (ara l-punt 4.B.(h)). Ir-raġunijiet għad-dewmien għandhom ikunu nnotifikati bil-miktub lill-emigrant; b'mod partikolari, jekk ma nstabet l-ebda informazzjoni dwar it-taħriġ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tindika b'mod ċar il-passi li ħadet biex tiksibha u r-raġunijiet għaliex ma rnexxilhiex. <p>(d) Il-perjodu ddedikat biex tissolva d-diffikultà għandu jinżamm qasir kemm jista' jkun u m'għandux jaqbeż xahar.</p> <p>(e) Ix-xahrejn żmien li matulhom l-awtorità kompetenti trid tasal għal deċiżjoni jibdew jgħoddu minn meta d-diffikultà li sabet tissolva (eż. l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju kkonfermat l-awtentiċità tad-dokument, jew l-emigrant ipprova informazzjoni dwar it-taħriġ jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti kisbet hija nnifisha l-informazzjoni dwar it-taħriġ, eċċ.). Jekk minkejja l-isforzi kollha li saru, kien assolutamente impossibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li ssolvi d-diffikultà matul dan il-perjodu ta' xahar, l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn wara t-tmiem ta' dan il-perjodu ta' xahar.</p> <p>(f) Jekk id-diffikultà ma tistax tissolva malajr, id-deċiżjoni għandha tittieħed fuq il-bażi tad-dokumenti u l-informazzjoni disponibbli.</p> <p>(g) Id-deċiżjoni, li permezz tagħha tkun imposta miżura ta' kumpens fuq l-emigrant, għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fil-punti 10.B.(c) u 812.B(c).(b).</p> <p>(h) [Mit-28.12.2009 – id-data tal-implementazzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi 2006/123/KE -: "Dokumenti mingħuta permezz ta' mezzi elettroniċi għall-professjonijiet koperti mid-Direttiva tas-Servizzi"].</p>
C. PRATTIKA INAĆĊETTABBL I	<p>(a) Talba għal dokumenti mhux imniżza fi 4.B.</p> <p>(b) Dewmien bla bżonn fl-adozzjoni tad-deċiżjoni.</p> <p>(c) Għoti ta' anqas informazzjoni minn dik indikata fil-kolonna B(g).</p>

III. MIŻURI TA' KUMPENS

9. Test tal-kompetenza għall-istabbiliment fl-Istat Membru ospitanti	
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<ul style="list-style-type: none"> (a) Frekwenza: skont id-domanda, aktar minn 2 seduti fis-sena. (b) Preparazzjoni: meta tintalab, provvista mill-awtoritá kompetenti jew il-punt tal-kuntatt tal-informazzjoni fuq kull kors ta' preparazzjoni pprovdu, listi ta' qari rakkomandat u kampjuni ta' karti tal-eżami. (c) F'każ ta' diffikultajiet biex jinkitbu għall-eżami, il-punt tal-kuntatt u/jew l-awtoritá kompetenti tassisti l-emigrant.
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) Frekwenza: skont id-domanda, mill-anqas żewġ seduti kull sena, għal attivitajiet staġjonali²⁴ bosta eżamijiet għandhom ikunu organizzati u dawn l-eżamijiet għandhom ikunu kkonċentrati fuq l-ewwel parti tal-istaġun. (b) Lista tal-korpi nazzjonali responsabbi mill-organizzazzjoni ta' testijiet tal-attitudni għandha tkun disponibbi lill-kandidat mill-awtoritá kompetenti. (c) Sabiex l-emigrant ikun jista' jagħżel bejn eżami u perjodu ta' taħriġ, għandu jkun informat, mingħajr dewmien, mill-awtoritá kompetenti, bl-element essenzjali dwar il-kontenut u l-organizzazzjoni tal-eżami (fin permess, eżami bil-miktub u/jew orali, opzjonijiet, eċċ.). (d) Meta l-emigrant jagħżel l-eżami, huwa għandu jkun notifikat, mingħajr dewmien, mill-awtoritá kompetenti bil-formalitajiet amministrattivi li għandhom jimtlew sabiex jinkiteb għall-eżami tal-attitudni; għandu jkun possibbi li formola biex jinkiteb għal eżami tal-attitudni. (e) L-emigrant għandhom jitħallew jerġġhu jagħmlu l-eżami. Ir-regoli li jirregolaw in-numru ta' drabi li l-kandidati jistgħu jagħmlu l-eżami għandhom jikkunsidraw il-prattika nazzjonali (b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni).
C. PRATTIKA INAĆCETTABBL I	<ul style="list-style-type: none"> (a) Frekwenza: anqas minn żewġ seduti fis-sena; għal attivitajiet staġjonali, anqas minn dak indikat fil-Kolonna B(a). (b) Il-provvista ta' anqas informazzjoni minn dik imniżżla fil-Kolonna B.

²⁴ B'mod partikolari għall-istrutturi tal-iskijjar, kif mitluba fid-deċiżjonijiet li jagħtu d-derogi (http://ec.europa.eu/internal_market/qualifications/general-system_otherprof_ski_instructors_en.htm)

	(c) L-impożizzjoni ta' miżura ta' kumpens mingħajr ma l-emigrant għandu jkun offrut il-possibbiltà li juri li kiseb l-għarfien jew il-kompetenza nieqsa permezz ta' esperjenza professjonal, taħriġ addizzjonali u/jew żvilupp professjonal kontinwu u/jew parteċipazzjoni f'seminar.
	10. Test tal-kompetenza għall-provvista ta' servizzi temporanji fl-Istat Membru ospitanti
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<p>(a) Preparazzjoni: meta tintalab, provvista mill-awtorità kompetenti jew il-punt tal-kuntatt tal-informazzjoni fuq kull kors ta' preparazzjoni pprovdu, listi ta' qari rakkomandat u kampjuni ta' karti tal-eżami.</p> <p>(b) F'każ ta' diffikultajiet biex jinkitbu għall-eżami, il-punt tal-kuntatt u/jew l-awtorità kompetenti tassisti l-emigrant.</p> <p>(c) L-emigrant għandu jkollu l-possibbiltà li jergħa jagħmel l-eżami fi żmien xahar minn wara li ma jgħaddix minnu.</p>
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p>(a) Jekk l-emigrant mad-dikjarazzjoni ma pprovidxi xi informazzjoni dwar esperjenza professjonal, dwar taħriġ addizzjonali u/jew dwar żvilupp professjonal kontinwu u/jew dwar parteċipazzjoni f'seminars, għandu l-ewwel ikunu offruti l-possibbiltà li jru li kiseb l-għarfien jew il-kompetenza nieqsa permezz ta' din l-esperjenza professjonal, l-iżvilupp professjonal kontinwu u/jew taħriġ addizzjonali u/jew seminars.</p> <p>(b) Frekwenza tal-eżami: skont il-ħtiġijiet peress li l-eżami għandu jsir fi żmien xahar wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponih.</p> <p>(c) Fid-deċiżjoni li teħtieġ li l-emigrant jagħti evidenza li kiseb l-għarfien nieqes permezz ta' eżami, il-kandidati għandhom ikunu avżati bid-data, il-post tal-eżami, il-kontenut u l-organizzazzjoni tal-eżami (ħin permess, eżami bil-miktub u/jew orali, opzjonijiet, eċċ.). Id-deċiżjoni għandha tindika wkoll li jekk l-arrangġamenti kollha għall-eżami ma jkunux konklużi, inklużi r-riżultati tal-eżami, fi żmien xahar l-emigrant jista' jipprovd i-servizz.</p> <p>(d) L-emigranti għandhom jitħallew jerġgħu jagħmlu l-eżami. F'dawn il-każijiet, l-emigranti m'għandhomx jerġgħu jibdew il-proċess kollu; għandu jkun organizzat eżami ġdid malajr kemm jista' jkun. Ir-regoli li jirregolaw in-numru ta' drabi li l-kandidati jistgħalli jagħmlu l-eżami għandhom jikkunsidraw il-prattika nazzjonali (b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni).</p>
C. PRATTIKA INAČCETTABBL I	<p>(a) L-impożizzjoni ta' miżura ta' kumpens mingħajr ma l-emigrant ikun offrut il-possibbiltà li juri li kiseb l-għarfien jew il-kompetenza nieqsa permezz ta' esperjenza professjonal, taħriġ addizzjonali u/jew żvilupp professjonal kontinwu u/jew parteċipazzjoni f'seminars.</p> <p>(b) Għoti ta' anqas informazzjoni, jew drittijiet anqas minn dawk imsemmija fil-Kolonna B.</p>
	11. Perjodu tal-addatament għall-istabbiliment fl-Istat Membru ospitanti
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<p>(a) Meta hekk jintalab, il-lezzjonijiet li joħorġu minn perjodi tal-adattament b'suċċess jintbagħtu lill-emigrant bħala informazzjoni (listi ta' kotba rrakkomandati, pereżempju) mill-awtorità kompetenti jew il-punt tal-kuntatt.</p>

	<p>(b) Sakemm possibbli, l-emigrant għandu jkun liberu jagħiż superviżur tat-taħriġ u l-post fejn se jsir il-perjodu tal-adattament.</p> <p>(c) F'każ ta' diffikultajiet biex jinstab post għall-perjodu tal-adattament, il-punt tal-kuntatt u/jew l-awtorità kompetenti tassisti l-emigrant.</p>
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p>(a) Sabiex l-emigrant ikun jista' jagħiż bejn eżami u perjodu ta' taħriġ, għandu jkun informat, mingħajr dewmien, mill-awtorità kompetenti bl-elementi essenzjali dwar il-kontenut u l-organizzazzjoni tal-perjodu tal-adattament.</p> <p>(b) Hekk kif l-emigrant jagħiż il-perjodu tal-adattament, għandu jkun avżat, mingħajr dewmien, mill-awtorità kompetenti bil-formalitajiet amministrattivi li għandhom ikunu kompluti biex jinkiteb għall-perjodu tal-adattament.</p> <p>(c) Meta dan ikun possibbli taħt l-istrutturi nazzjonali tal-pajjiż ospitanti, l-emigrant jista' jirċievi pagament matul il-perjodu tal-adattament; madankollu, dan ma jikkostitwixx dritt; f'kull każ għandu jirċievi informazzjoni dwar din il-kwistjoni.</p> <p>(d) Jekk statut għall-apprentisti jkun iddefinit fuq livell nazzjonali, għandu jkun applikabbli wkoll għall-emigrant fuq il-bażi tal-prinċipju għat-trattament ugwali.</p> <p>(e) L-Istat Membru ospitanti jista' jgħaddi r-responsabbiltà għall-organizzazzjoni tal-perjodi tal-adattament lil stabbilimenti awtorizzati u/jew superviżuri tat-taħriġ. Madankollu, l-arrangġamenti għall-perjodu tal-adattament m'għandhomx ikunu tant skoragiġanti li jikkostitwixxu ostaklu indirett u sproporzjonat għall-emigrant (eż: il-vjaġġ il-bogħod għall-post tal-perjodu tat-taħriġ, kundizzjonijiet restrittivi ż-żejjed, eċċ.). Lista ta' stabbiliment/nies responsabbli għall-perjodi tal-adattament għall-professjoni li l-emigrant jixtieq jeżerċita għandha tkun disponibbli għalihi.</p>
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBLI	<p>(a) L-impożizzjoni ta' miżura ta' kumpens mingħajr ma l-emigrant ikun offrut il-possibbiltà li juri li kiseb l-għarfien jew il-kompetenza nieqsa permezz ta' esperjenza professjonal, taħriġ addizzjonal u/jew żvilupp professjonal kontinwu u/jew parteċipazzjoni f'seminars.</p> <p>(b) Il-provvista ta' anqas informazzjoni minn dik imniżżla fil-Kolonna B.</p>
12. Perjodu tal-attitudni għall-provvista ta' servizzi temporanji fl-Istat Membru ospitanti	
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<p>(a) Meta jintalbu, il-lezzjonijiet li joħorġu minn perjodi tal-adattament b'suċċess jintbagħtu lill-emigrant bħala informazzjoni (listi ta' kotba rrakkomandati, pereżempju) mill-awtorità kompetenti jew il-punt tal-kuntatt.</p>
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p>(a) Jekk l-emigrant mad-dikjarazzjoni ma pprovidxi xi informazzjoni dwar l-esperjenza professjonal, dwar it-taħriġ addizzjonal u/jew dwar l-iżvilupp professjonal kontinwu u/jew dwar il-parteċipazzjoni f'seminars, għandu l-ewwel ikun offrut il-possibbiltà li juri li kiseb l-għarfien jew il-kompetenza nieqsa permezz tal-esperjenza professjonal, l-iżvilupp professjonal kontinwu u/jew taħriġ addizzjonal u/jew seminars.</p> <p>(b) Fid-deċiżjoni li teħtieġ li l-emigrant jagħti evidenza li kiseb l-għarfien nieqes permezz ta' perjodu tal-adattament, il-kandidati għandhom ikunu avżati bid-data</p>

	<p>tal-bidu, il-post, it-tul ta' żmien, il-kontenut tal-perjodu ta' taħriġ; għandu jirċievi wkoll informazzjoni dwar il-pagament u dwar l-istatut. Il-perjodu tal-adattament għandu jittlesta u r-riżultati kkomunikati fi żmien xahar minn dik id-deċiżjoni; bħala riżultat, il-perjodu tal-adattament jista' jkun propost biss jekk il-perjodu ta' żmien ma jaqbiżx perjodu ta' xahar; id-deċiżjoni għandha tindika wkoll li jekk il-perjodu tal-adattament ma jkunx organizzat fi żmien xahar l-emigrant jista' jipprovdi s-servizz.</p> <ul style="list-style-type: none"> (c) L-arranġamenti għall-perjodu tal-adattament m'għandhomx ikunu tant skoraġġanti li jikkostitwixxu ostaklu indirett u sproporzjonat għall-emigrant. (d) Meta dan ikun possibbli taħt l-istrutturi nazzjonali tal-pajjiż ospitanti, l-emigrant jista' jirċievi pagament matul il-perjodu tal-adattament; madankollu, dan ma jikkostitwix dritt; f'kull każ għandu jirċievu informazzjoni fuq din il-kwistjoni. (e) Jekk statut għall-apprentisti jkun definit fuq livell nazzjonali, għandu jkun applikabbli wkoll għall-emigrant fuq il-bażi tal-prinċipju għat-trattament ugwali.
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBL I	<ul style="list-style-type: none"> (a) L-impożizzjoni ta' miżura ta' kumpens mingħajr ma l-emigrant ikun offrut il-possibbiltà li juri li kiseb l-għarfien jew il-kompetenza nieqsa permezz ta' esperjenza professjonal, taħriġ addizzjonal u/jew żvilupp professjonal kontinwu u/jew parteċipazzjoni f'seminars. (b) Il-provvista ta' anqas informazzjoni minn dik imniżżla fil-Kolonna B.

IV. MIŻATI

	13. Miżati li għandhom jitħallsu mill-emigrant fl-Istati Membru ospitanti fil-każ ta' stabbiliment u fil-każ ta' kontroll tal-kwalifikasi skont l-Artikolu 7.4 (provvista ta' servizzi)
A. L-AĦJAR PRATTIKA	(a) L-ebda ħlas.
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p>L-emigrant jista' jkun meħtieġ iħallas miżati għall-iproċessar tal-applikazzjoni tiegħu, tal-eżami tal-attitudni jew il-perjodu tal-adattament, sakemm jitħarsu l-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none">(a) il-miżati m'għandhomx jaqbżu l-kost reali tas-servizz pprovvdut;(b) il-miżati għandhom ikunu paragonabbli ma' dawk imħallsin minn ċittadini tal-Istat Membru ospitanti f'ċirkostanzi simili;(c) il-miżati għandhom ikunu stabbiliti fuq livell li tagħmilha impossibbli fil-prattika li jkunu eżerċitati d-drittijiet ipprovduti fid-Direttiva;(d) miżati fissi jistgħu jkunu imposti sakemm jistgħu jkunu iġġustifikati b'referenza għall-kost medju tal-iproċessar ta' applikazzjoni.
C. PRATTIKA INACČETTABBL I	<ul style="list-style-type: none">(a) Iż-żamma ta' miżati li m'humiex skont il-kriterji stabbiliti fil-kolonna B.(b) Iż-żamma ta' miżati relatati mad-dikjarazzjoni fl-Artikolu 7 (provvista ta' servizzi mingħajr ħlas); din ma tapplikax għal każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 7.4.

V. REGOLI DWAR DEĊIJONIJIET U APPELLI ĠUSTIFIKATI

	14. Regoli dwar deċiżjonijiet u appelli ġustifikati
A. L-AĦJAR PRATTIKA	<ul style="list-style-type: none"> (a) Id-deċiżjoni adottati mill-awtorità kompetenti ssemmi d-dritt tal-emigrant għal appell, u tispeċifika l-proċedura li għandha tkun segwita u b'mod speċjali l-limitu ta' żmien biex jitressaq appell lill-Istat Membru konċernat. (b) L-emigrant ikun informat bil-proċeduri mhux ġudizzjarji u b'mod speċjali jingħata l-indirizz tas-sit web ta' SOLVIT.
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<ul style="list-style-type: none"> (a) Għandhom jingħataw raġunijiet għad-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu. (b) L-emigrant għandu jkun informat mill-awtorità kompetenti bid-dritt legali (jew amministrattiv) tal-appell disponibbli għalih, li jippreżenta l-proċedura li għandha tkun segwita u l-limitu ta' żmien għall-appelli fl-Istat Membru konċernat; għandu jkun informat ukoll bil-konsegwenzi tan-nuqqas min-naħħa tal-awtorità responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni li tirrispondi fiż-żmien permess. (c) Fuq it-talba tal-emigrant, il-punt tal-kuntatt għandu jagħti aktar informazzjoni dwar SOLVIT²⁵ u, jekk mitlub, jipprovdi assistenza.
C. PRATTIKA INAĆCETTABBL I	<ul style="list-style-type: none"> (a) Nuqqas li jkunu pprovduti raġunijiet jew raġunijiet sodisfaċenti. Argumenti bbażati fuq “rikonoxximent akademiku” mhux aċċettabbli. (b) L-ebda informazzjoni dwar id-dritt tal-emigrant għall-appell.

²⁵ <http://ec.europa.eu/solvit/index.htm>

VI. KOORDINAZZJONI

15. Koordinazzjoni	
A. L-AĦJAR PRATTIKA	(a) Laqgħat regolari bejn l-awtoritajiet kompetentili jittrattaw il-professjonijiet differenti ġewwa Stat Membru bil-għan li jaqsmu l-esperjenzi tagħhom. (b) Netwerk tal-punti tal-kuntatt fuq livell tal-UE.
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	(a) Kuntatt regolari fuq livell nazzjonali bejn il-koordinaturi nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti direttament jew indirettament permezz ta' intermedjarji. (b) Kuntatt bejn il-koordinaturi ta' Stati Membri differenti fuq livell tal-UE. (c) Kuntatt regolari bejn il-punti tal-kuntatt.
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBLI	(a) Anqas kuntatt jew koordinazzjoni minn dik imsemmija fil-Kolonna B.

VII. GĦARFIEN LINGWISTIKU

16. Għarfien lingwistiku	
A. L-AĦJAR PRATTIKA	(a) F'każ ta' dubbju, dwar l-eżattezza tal-kwalifika jew tad-dokument li jipprova l-għarfien lingwistiku, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jista' jitlob mingħand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju konferma tal-eżattezza tal-kwalifika jew tad-dokument li jsostni l-għarfien lingwistiku bl-użu tal-kooperazzjoni amministrattiva [u l-IMI] ²⁶ .
B. PRATTIKA AĊĊETTABBLI	<p>Ir-rikonoxximent tal-kwalifikasi professjonal ma jistax ikun suġġett għal għarfien lingwistiku sakemm ma jkunx tal-kwalifikasi (eż. terapisti tal-vuċi). Ir-rekwiżiti għal-lingwi m'għandhomx jeċċedu dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-prattika tal-professjoni fl-Istat Membru ospitanti. Jista' jkun ikkunsidrat biss fuq bażi ta' kull każ individwali; wieħed mid-dokumenti li ġejjin għandu ikun ikkunsidrat bizzżejjed biex jattesta l-għarfien lingwistiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) kopja tal-kwalifika miksuba fil-lingwa tal-Istat Membru ospitanti; (b) Kopja tal-kwalifika li tattesta l-għarfien fil-lingwa/i tal-Istat Membru ospitanti (eż. lawrija universitarja, kwalifikasi tal-kamra tal-kummerċ, kwalifikasi li jintagħataw minn istituzzjonijiet rikonoxxuti tal-lingwi bħall-Goethe Institute, eċċi.); (c) evidenza ta' esperjenza professjonal ta' qabel fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti; (d) jekk l-emigrant ma jipprovdix evidenza skont (a) jew (c), tista' tkun imposta intervista jew eżami xieraq (orali u/jew bil-miktub).
C. PRATTIKA INAĊĊETTABBL I	<ul style="list-style-type: none"> (a) Li r-rikonoxximent tal-kwalifikasi jkun suġġett għal għarfien lingwistiku sakemm ma jkunx tal-kwalifikasi (eż. terapisti tal-vuċi). (b) Aċċettazzjoni biss ta' kwalifikasi li jinħarġu minn ċerti tipi ta' istituzzjoni u l-ħtieġa li l-emigrant jipprovd i-l-kopji oriġinali jew dokumenti awtentikati mill-awtoritajiet konsulari jew l-amministrazzjoni nazzjonali (pereżempju, permezz tan-nota marġinali pprovduta skont il-Konvenzjoni tal-Aja), jew jipprovd dokumenti fuq karta imbuzzata b'timbru disponibbli biss fl-Istat Membru ospitanti. (c) L-impożizzjoni ta' eżami b'mod sistematiku.

²⁶ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 9

--	--

Anness A

Informazzjoni li għandha tkun pprovvduta mill-Istat Membru ta' domiċilju fuq “it-trattament ugwali tal-kwalifikasi” taħt I-Artikolu 12 tad-Direttiva 2005/36/KE

1. Deskrizzjoni tal-professjoni u l-medda ta' attivitajiet li għalihom iż-żewġ kwalifikasi jaġħtu aċċess.

2. Konferma li l-kwalifikasi msemmija fil-punt 4 jaġħti l-istess drittijiet dwar l-operazzjoni u s-segwiment ta' professjoni rregolata fl-Istat Membru ta' domiċilju bħala l-kwalifika msemmija fil-punt 5 u deskrizzjoni qasira dwar dawk id-drittijiet

3. Indikazzjoni jekk il-kwalifikasi msemmija fil-punt 4 ingħatawx drittijiet ugwali jew ikoprux sitwazzjoni oħra

4. Deskrizzjoni tal-livell, it-tul ta' żmien tat-taħriġ u kull karatteristika relevanti oħra tal-kwalifikasi li titqies ekwivalenti

[Redacted]

5. Deskrizzjoni tal-kwalifikasi li kwalifikasi oħra jitqiesu ekwivalenti magħhom

[Redacted]

6. Indikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li joħorġu l-kwalifikasi.

[Redacted]

ANNESS B
KATEGORIJI TA' DOKUMENTI LI JATTENSTAW STABBILMENT LEGALI
SKONT L-ARTIKOLU 7.2(b) TAD-DIRETTIVA 2005/36/KE

I. Id-dokumenti msemmija hawn taħt huma dokumenti li jitqiesu bħala evidenza tal-istabbilment legali tal-professjonisti kwalifikati fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom għall-fini tal-forniment tas-servizzi fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- jattestaw li l-persuna hija stabbilita legalment¹ meta ddaħħal id-dikjarazzjoni għall-ewwel darba u,
- jindikaw il-professjoni konċernata.

L-ebda dokument ieħor ma jista' jkun meħtieġ jekk id-dokument jattesta wkoll li l-migrant ma jkunx ipprojbit milli jeżerċita l-professjoni fil-waqt tas-sottomissjoni tal-attestazzjoni tal-istabbilment legali.

A) IL-PROFESSJONI TKUN IRREGOLATA FL-ISTAT MEMBRU TAL-ISTABBILMENT

Wieħed biss mid-dokumenti elenkti hawn taħt jista' jkun rikjest biex jattesta l-istabbilment legali u huwa fir-responsabbiltà tal-migrant li jagħżel liema wieħed ikun l-aktar xieraq.

PERSUNI LI JAHD MU GĦAL RASHOM

(Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom)

- Ċertifikat mill-awtorità kompetenti, jew
- Ċertifikat minn korpi professjonal li jkunu inkarigati mill-Istati Membri bir-regolazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-eżerċizzju tal-professjoni jew,
- Kopja tal-liċenzja tal-professjoni jew,
- Kopja tar-registro kummerċjali/ekonomiku jew,

(Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom)

Skont l-Artikolu 7.2(b) tad-Direttiva 2005/36/KE, professjonist ikun stabbilit legalment fi Stat Membru meta hu jkollu d-dritt li jeżerċita, f'dan l-Istat Membru, il-professjoni li fiha jkun ikkwalifikat. Dan ifisser li fdawk il-waqt li l-professjonist ikollu l-intenzjoni li jforni servizz fi Stat Membri ieħor, ma jkunx jista' jinċaħad milli jeżerċita l-professjoni tiegħi fl-Istat Membru tal-istabbilment. Dan ma jfissirx, madankollu, li dan il-professjonijiet ikollu jeżerċita effettivament din il-professjoni fl-Istat Membru tal-istabbilment fil-waqt li jkollu l-intenzjoni jforni servizz fi Stat Membri ieħor. Madankollu, jekk il-professjoni li fiha dan il-professjonist ikun ikkwalifikat fl-Istat Membru tal-istabbilment ma tkunx irregolata f'dan l-Istat Membru, hu jkollu jkun eżerċita l-professjoni tal-anqas għal sentejn matul l-aħħar għaxar snin.

- Siltiet mir-reġistru tal-professjonisti miżimum mill-awtorità kompetenti:
CY /AT (għall-Psikoterapiji, Psikologi tas-Saħħha, Psikologi Kliniċi, Terapiji Mużikali u professjonisti tal-kontabbiltà: is-siltiet mil-listi jrid ikunu ppubblikati permezz tal-Internet)
/LU

jew,

- In-nota tas-sigurtà soċjali:
BG – kopja tal-Ktieb tas-Sigurtà Soċjali jew dokument maħruġ mill-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali/**LU**

jew,

- Evidenza tal-pagamenti tat-taxxa:
BG /EL /ES /LU

jew,

- Ċertifikat tal-kapaċità tajba
BG (maħruġ mill-Qorti Reġjonali rispettiva jew mill-aġenzija tar-Reġistru)

jew,

- Polza tal-assigurazzjoni / ċertifikat dwar ir-responsabbiltà professjonali
BG/ PL (evalwaturi, maniġers tal-proprietà, aġenti immobiljari – barra mil-liċenzja professjonali)

jew,

- Dikjarazzjoni tal-entitajiet kontraenti:
BG (għall-persuni b'impieg għar-rashom li ma jkunux membri ta' għaqda (chamber) jew organizzazzjoni professjonali);

IMPJEGATI

(*Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom*)

- Ċertifikat mill-awtorità kompetenti, **jew**

- Ċertifikat minn korpi professjonali li jkunu inkarigati mill-Istati Membri bir-regolazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-eżerċizzju tal-professjoni **jew**,

- Kopja tal-liċenzja tal-professjoni **jew**,

(*Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom*)

- Siltiet mir-reġistru tal-professionisti miżmum mill-awtorità kompetenti:
CY /AT (għall-Psikoterapisti, Psikologi tas-Saħħa, Psikologi Kliniċi, Terapisti Mużikali u professionisti tal-kontabbiltà: is-siltiet mil-listi jrid ikunu ppubblikati permezz tal-Internet)
/LU

jew,

Siltiet mir-reġistru tal-persunal tal-kumpanija:
FR (għall-qasam tal-funerali)

jew,

- In-nota tas-sigurtà soċjali:
BG – (Kopja tal-Ktieb tas-Sigurtà Soċjali/ dokument maħruġ mill-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali/ kopja tal-Ktieb tax-Xogħol)/ **LU**

jew,

- Evidenza tal-pagamenti tat-taxxa,
BG / ES/ LU

jew,

- Ċertifikat tal-kapaċitā tajba
BG (maħruġ mill-Qorti Regionali rispettiva jew mill-aġenzija tar-Reġistru)

jew,

- Karti tal-pagi
FR;

- Polza tal-assigurazzjoni / ċertifikat dwar ir-responsabbiltà professjonal
PL (evalwaturi, maniġers tal-proprietà, aġenti immobiljari – barra mil-liċenzja professjonal);

B) IL-PROFESSIONI TKUN MHUX REGOLATA FL-ISTAT MEMBRU TAL-ISTABBILIMENT

Wieħed biss mid-dokumenti elenkti hawn taħt jista' jkun rikjest biex jattesta l-istabbiliment legali u huwa fir-responsabbiltà tal-migrant li jagħżel liema wieħed ikun l-aktar xieraq.

1) PERSUNI B'IMPIEG GĦALL-RASHOM

(Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom)

- Liċenzja tal-professioni **jew,**
- Kopja tar-reġistru kummerċjali/ekonomiku/tal-kumpaniji **jew,**

- Ċertifikat minn korpi professjonalji **jew**,

(*Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom*)

- In-nota tas-sigurtà soċjali:

BG – (kopja tal-Ktieb tas-Sigurtà Soċjali jew dokument maħruġ mill-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali) /**CY/LU/PT**

jew,

- Evidenza tal-pagamenti tat-taxxa:

BG /DE / /EL /ES /LU /UK (Informazzjoni fiskali minn HM Revenue and Customs, jew l-aħħar rapporti finanzjarji /**PT**

jew,

In-numri ta' referenza tat-taxxa tan-negożju

UK

jew,

- Id-dettalji tar-reġistrazzjoni tal-VAT

UK

jew,

- Ċertifikat tal-kapaċità tajba

BG (maħruġ mill-Qorti Regionali jew mill-aġenzija tar-Reġistru)

jew,

- Dikjarazzjoni tal-entitajiet kontraenti:

BG /DE (membri tal-professionijiet liberali li jkunu b'impieg għar-rasu u li ma jkunux membri ta' għaqda (eż. gwida turistika) jistgħu jissottomettu biss ċertifikati maħruġa mill-entitajiet kontraenti flimkien mad-dokumenti maħruġa mill-awtorità fiskali lokali) / **UK**

jew,

- Kopji tal-kuntratti

UK

jew,

- Dokumentazzjoni mill-kontabilist

UK

jew,

- Ċertifikat tal-istabbilment legali mill-awtorità kompetenti:

DK (dokument jattesta n-nuqqas ta' sanzjonijiet) /**LT** (ċertifikat ta' impjieg għar-rasu) /**PL** (għall-professjonijiet skont l-Anness IV, ċertifikat maħruġ mill-Marshalls of Voivodeships jew il-Voivodeship (Provincial) Labour Offices);

jew,

- Ċertifikat tar-reġistrazzjoni minn awtorità kompetenti:

CZ (negożjant singolu b'impjieg għar-rasu: konferma tar-reġistrazzjoni minn organizzazzjoni professjonalji jew awtorità kompetenti) /**DK**.

2) IMPJEGATI

(*Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom*)

- Ċertifikat minn korpi professjonalji **jew**,

- Liċensja tal-professjonalji **jew**,

- Ċertifikat tal-impiegatur li jattesta esperjenza professjonalni tal-anqas ta' sentejn fl-aħħar għaxar snin flimkien mal-karta tal-kontribuzzjonijiet soċjali jew prova tal-ħlas tat-taxxa **jew**,

(*Id-dokumenti segwenti huma, fil-prinċipju, disponibbli fl-Istati Membri kollha jew bosta minnhom*)

- In-nota tas-sigurtà soċjali:

BG (Kopja tal-Ktieb tas-Sigurtà Soċjali/ dokument maħruġ mill-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali/ kopja tal-Ktieb tax-Xogħol)/**LU /PT**

jew,

- Evidenza tal-pagamenti tat-taxxa:

BG /ES /LU /UK (Informazzjoni fiskali minn HM Revenue and customs, jew kopja tal-P60 (rendikont annwali tal-introjtu għas-sena fiskali preċedenti) /**PT**

jew,

- Noti tal-pagi

BG /FR

jew,

- Ċertifikat li jattesta l-istabbilment legali mill-awtorità kompetenti:

DK (dokument jattesta n-nuqqas ta' sanzjonijiet dixxiplinarji) /**PL** (għall-professjonijiet skont l-Anness IV, ċertifikat maħruġ mill-Marshalls of Voivodeships jew il-Voivodeship (Provincial) Labour Offices);

jew,

- Ċertifikat tar-reġistrazzjoni minn awtorità kompetenti:
ES (għall-impiegati fis-settur pubbliku u għall-professjonijiet tas-saħħha)

II. Wieħed mid-dokumenti segwenti jista' jkun meħtieġ jekk id-dokumenti msemmija fil-punt 1) ma jattestax li l-migrant ma tkunx ipprojbit milli jeżerċita l-professjoni fil-mument tas-sottomissjoni tal-attestazzjoni tal-istabbilment legali. Minn dan id-dokument irid joħroġ biċ-ċar li l-persuna ma tkunx ipprojbita milli teżerċita l-professjoni. Meta l-professjoni tkun regolata fl-Istat Membru tad-domiċilju, it-talba ta' wieħed minn dawn id-dokumenti għandha tkun eċċeżżjonali minħabba li fil-prinċipju dejjem għandu jkun possibbi li permezz tad-dokumenti msemmija fil-punt I.A jiġi attestat li persuna ma tkunx ipprojbita milli teżerċita l-professjoni.

- Estratt mir-registrū penali/kriminali **jew**,
- Ċertifikat ta' kondotta kriminali nadifa, maħruġ mill-awtorità kompetenti (i.e. Qorti jew il-pulizija) **jew**,
- Ċertifikat minn korpi professjonal.